# L-GĦOXRIN ANNIVERSARJU TAL-MUNITA EWRO



EDWARD SCICLUNA / Ministru għall-Finanzi




Il-membri tal-Eurogroup jikkommemoraw l-20 anniversarju tal-munita ewro

Din il-ġimgħa l-Unjoni Ewropea ċċelebrat l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-munita ewro, li jużawha dsatax-il pajjiż Ewropew inkluż Malta. Sadanittant, f'pajjiżna din is-sena ċċelebrajna l-għaxar anniversarju minn meta daħħalna din il-munita, lura fl-2008.

F'dawn l-għoxrin sena ma kienx kollox ward u żahar għall-fatt li kien hemm fejn l-munita għaddiet minn kriżijiet. Dan għall-fatt li wieħed jista' jgħid li l-qafas għadu mhux komplut, u ħafna mid-diskussjonijiet bejn il-Ministri għall-Finanzi taż-żona Ewro, il-"Eurogroup," ikunu biex naraw kif se nsaħħu dan il-qafas. Xi ħaġa li ma hi faċli xejn.

Matul din il-ġimgħa d-diskussjonijiet tal-Ministri taż-żona Ewro ffukaw fuq kif se nkomplu nsaħħu l-munita u nemmen li sar progress kbir ikkumparat ma' drabi oħra. Il-laqgħa bdiet għall-ħabta tas-1.00 p.m.u baqgħet sejra sat-8.00 a.m. tal-ġurnata ta' wara u li kienet issegwi laqgħa oħra tal-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi. B'responsabilità ngħid li Malta gwadanjat minn dawn il-laqgħat, apparti li ġew protetti l-interessi ta' pajjiżna.

Mil-laqgħat ħareġ kif il-banek fil-pajjiżi ż-żgħir bħal Malta mhux mistennija jġorru l-piżijiet li jġorru banek globali u ġganti. Dan hekk kif mhux kull ħaġa li l-Unjoni Ewropea titlob lill-banek il-kbar, se tintalab lill-banek iż-żgħir.

Suġġett ieħor diskuss waqt dawn il-laqgħat kien dak tat-taxxa diġitali, fejn Malta rnexxielha tara li dawk il-pajjiżi li kienu qegħdin jimbuttaw xi ħaġa li fl-opinjoni ta' pajjiżna ma kinetx xi ħaġa għaqlija żammew pass lura u aċċettaw li jagħmlu proposta ġdida. Aħna naqblu li l-kumpaniji l-kbar ma għandhomx jiffrankaw taxxa tant li ma jħallsu xejn, iżda min-naħa l-oħra rridu naraw li dan ma jkollux impatt negattiv fuq pajjiżna. Dawn il-proposti issa għandna sa Marzu tas-sena d-dieħla biex nagħtu l-opinjoni fuqhom.

L-intervent u l-argument tiegħi f'dawn il-laqgħat kien li l-prinċipju ta' vot unanimu fuq it-taxxa għandu jibqa' u ma għandux jiddaħħal bil-moħbi. Lanqas għandu jinbidel bi qbil tal-maġġoranza tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea.

It-taxxa hija xi ħaġa fis-sovranità ta' kull pajjiż membru. L-aktar ħaġa fejn il-qbil tista' tgħid li filwaqt importanti iżda ma kienx daqshekk sinifikanti kienet dik tal-leġiżlazzjoni bankarja. Dan huwa suġġett kumpless ħafna li ma nistgħux ngħidu li għamilna xi avvanzi kbar. L-għan ta' dan il-pakkett huwa li jista' jkun hemm tnaqqis bil-bosta tar-riskji biex wara naraw li dawn jinfirxu bejn it-28 pajjiż. Din nimplimentawha wkoll fil-Eurogroup fejn għandek dik l-imsejħa *risk reduction* u *risk sharing* jiġifieri li r-riskju l-ewwel jitnaqqas u wara jinfirex fuq kulħadd, eżattament kif taħdem polza ta' assigurazzjoni. Kumpanija ta' assigurazzjoni taħdem billi wieħed iħallas dik l-imsejħa *excess* jiġifieri l-ewwel parti mill-ammont tal-ispiża. Huwa dan l-ammont li jrid jintlaħaq qbil fuqu.

Il-Ġermanja eżempju ma tridx taqbel fuq il-garanzija tad-depożiti fuq skala Ewropea għal raġuni li qed tibża' li din is-sistema tiġi abbużata minn pajjiżi dgħajfa bħall-Greċja u l-Italja. Dan ovvjament lanqas aħna ma rriduh, għax nixtiequ li kull pajjiż l-ewwel jgħin ruħu ekonomikament u wara ngħinuh, jekk mhux tort tiegħu li waqa' fi kriżi.

Iż-żona Ewro hija familja li rridu ngħinu lil xulxin.

## Grazzi lill-Mission Fund

Sur Editur,

Permezz tal-ġurnal tiegħek L-ORIZZONT nixtieq nirringrazzja pubblikament lill-Mission Fund (VO/0015) għad-donazzjoni sabiħa ta' €2,500. Dawn ingħataw għal dawn l-intenzjonijiet: €500 biex inqaddes quddies għall-intenzjoni tal-benefattur/a, u l-kumplament – €2,000 biex nissussidjaw materjal bibliku u reliġjuż bil-lingwa tas-Santals (Santali) li bħala numru, huma l-akbar tribù fl-Indja.

Jien ilni l-Indja għal dawn l-aħħar 61 sena u wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħi ħdimt il-biċċa l-kbira bħala kappillan f'diversi parroċċi tal-missjoni tagħna. Is-Santal Parganas huwa l-post oriġinali tas-Santals, iżda magħkusin bil-ġuħ, ħafna kellhom jemigraw fi stati oħra tal-Indja biex isibu xogħol u jaqilgħu xi ħaġa x'jieklu. Illum il-ġurnata jinsabu mxerrdin f'ħafna stati fil-Grigal tal-Indja.

Is-Santals Kattoliċi jinsabu fi 17-il djoċeżi. Dawn jiddependu ħafna minna biex nipprovdulhom materjal bibliku u reliġjuż bis-Santali. Dawn l-aħħar ftit snin jien ġejt inkarigat b'dan il-ministeru tal-pubblikazzjonijiet reliġjużi. Peress li ħafna minn dawn il-Kattoliċi Santals huma fqar mhumiex f'pożizzjoni finanzjarja li jixtru dawn il-kotba, anke jekk inbigħuhom bla profitt.

Għalhekk b'din id-donazzjoni tal-Mission Fund, issa nistgħu nissussidjaw dan il-materjal biex ikunu jistgħu jixtruh. Kull sena nistampaw il-ktieb tat-talb u ktieb ieħor tal-kant. Ma nistampawx aktar għax m'għandniex fejn inżommuhom. Iżda l-prezz jiżdied kull sena minħabba t-taxxi u peress li l-prezz tal-karta żdied ħafna. Irridu nerġgħu nistampaw il-lezzjonarju tal-altar li bis-Santali jiġi 3,000 paġna u xi kotba oħra.

Nixtieq inħeġġeġ lill-poplu Malti biex jibgħat bolli użati u donazzjonijiet lill-Mission Fund għax b'dan il-mod qegħdin jgħinu tant Missjunarji Maltin mxerrdin fl-artijiet tal-missjoni. Id-donazzjonijiet jistgħu jintbagħtu *online* jew inkella permezz ta' *bank transfer* f'wieħed minn dawn il-kontijiet bankarji: HSBC (Kont Nru: 061 197 448 050), BOV (Kont Nru: 163 007 980 19), APS (Kont Nru: 200 008 207 62) jew BANIF (Kont Nru: 000 879 631 01).

Aktar informazzjoni tistgħu tiksbuha fis-sit: www.missionfund.org.

FR JOS. GAUCI SACCO, S.J.,
Dumkax, l-Indja



Ritratt: Elegantgowns.net